# KIF AĦNA KSIBNA L- BIBBJA MQADDSA?

Minn
George Ebejer

# KIF AĦNA KSIBNA L-BIBBJA MQADDSA?

Il-pretensjoni hija magħmula mill-Knisja Kattolika Rumana, illi kienet hi li tat il-Bibbja tagħna lid-dinja. Jiena kkuppjajt dan il-kliem li ġej:

> "Il-Protestanti ma jistgħux ikunu ċerti li l-Bibbja fiha l-Kelma ta' Alla, pura u mingħajr taħlit, waqt li aħna l-Kattoliċi nistgħu. Intom tiddependu fuqna għall-Bibbja li għandkom. Il-kotba tat-Test-ment il-Ġdid ma kinux miġbura u ddik-jarati li huma infallibbli sar-raba' seklu. Barra minn dan, din ix-xhieda kienet kollha Kattolika u huma aċċettaw l-Isk-rittura bħala li hija divinament ispirata għaliex il-knisja tagħhom iddikjarat-hom li huma hekk. Kif mela jistgħu l-Protestanti jżommu bħala verità infal-libbli li l-kitba magħrufa, l-Iskrittura Sagra hija ispirata, meta, għall-fiduċja tagħhom int għandek il-kelma tal-Knis-ja Kattolika biss?"

Minn reklam f'gazzetta ppubblikata mill-Kavallieri ta' Kolombu li jġib it-titlu, "Min ta l-Bibbja lill-Poplu?" jiena se nikkwota dan il-kliem:

> "Għall-ewwel tliet mitt sena ta' Kristja-neżmu, il-Bibbja eżistiet, imma mhux kif inhi llum. Matul dawk iż-żminijiet tal-bidu partijiet mill-Bibbja

kienu mxerrda fost knejjes differenti, fejn l-ebda waħda minnhom ma kellha l-Bibbja kompluta kif aħna għandna lilha llum. Imbagħad fis-sena 390 W.K., il-Konċilju ta' Hippo, il-Knisja Kattolika ġabret flimkien il-kotba diversi li kienu jippretendu li huma skrittura u għad-dew il-merti u t-talbiet ta' kull wieħed minnhom u dan il-Konċilju iddeċieda liema kienu ispirati u liema ma kinux. Il-Knisja Kattolika poġġiet il-kotba u l-epistoli kollha flimkien f'volum wieħed u DAK hu l-Bibbja kif aħna għandna llum. Il-Knisja Kattolika għalhekk, tat lill-poplu u lid-dinja, il-Bibbja kif aħna għandna lilha llum. L-istudenti *tagħha* ikkuppjaw bl-idejn għal sekli qabel l-invenzjoni ta' l-istampar."

Hemm żewġ stqarrijiet f'dawn l-artikli li huma ta' qerq u mhux verità. Fl-artiklu mill-our Sunday Visitor, l-awtur igħid li l-Knisja Kattolika ddikjarat il-kotba tal-Bibbja bħala li huma ispirati. Dan mhuwiex tas-sew, għaliex għalfejn il-Knisja Kattolika għandha tid-dikjara l-kotba bħala li huma *ispirati meta l-kittieba ispirati nfushom għamlu din id-dikjarazzjoni huma nfushom*? Meta huma kitbu u għamlu dik id-dikjarazz-joni l-Knisja Kattolika Rumana lanqas biss ma kienet għadha fl-eżistenza! Fit-Tieni Pietru, 1:21, l-appostli ispirat Pietru jgħid,

> "*Il-bnedmin tkellmu fl-isem ta' Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu.*"

L-appostlu ispirat Pawlu jgħid ukoll,

> "*L-iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla…*"

Pawlu jkompli jgħid,

> "*Dawn il-ħwejjeġ ħabbarnihomlkom bi kliem li ma tgħallimniehx mill-għerf tal-bnedmin, **imma mill-Ispirtu**,…*" (1 Korintin 3:13; enfasi tiegħi).

Pawlu jkompli jgħid,

> "*Dan ngħarrafkom ħuti: l-Evanġelju li ħabbartilkom jiena mhuwiex Evanġelju tal-bnedmin. Għaliex jiena mhux min-għand bniedem irċevejtu jew tgħallim-tu, **imma kien irrivelat lili minn Ġesù Kristu***" (Galatin 1:11, 12; enfasi tie-għi).

Ukoll ikompli jgħid,

> "***Aħna** niżżu ħajr lil Alla talli l-kelma t'Alla, li intom smajtu **minn għandna**, ilqajtuha mhux bħala kelma ta' bnie-dem, iżda **bħala l-kelma ta' Alla, kif tassew hi**: dik il-kelma li qiegħda taħ-dem fikom li emmintu*" (1 Tessalonikin 2:13; enfasi tiegħi).

Ma hemm la rima u lanqas raġuni fil-Knisja Katto-lika Rumana tiddikjara l-kotba bħala ispirati meta

dawn **diġà** kienu ddikjarati *mill-kittieba tagħhom infu-shom!*

Fl-artiklu dwar "Min Ta l-Bibbja lill-Poplu," il-Kavallieri ta' Kolombu jgħidu li l-Knisja Kattolika ġabret flimkien il-kotba diversi u tagħtna l-Bibja kompluta fil-Konċilju ta' Hippo fis-sena 390 W.K.

Din l-istqarrija mhix tassew, *għaliex aħna kellna l-Bibbja kompluta fil-bidu tat-tieni seklu*. Dan aħna sejrin nitgħallmu dwaru aktar 'il quddiem f'din il-prova.

Id-disgħa u tletin ktieb tat-Testment il-Qadim kienu tradotti mil-Lhud (Ebrajk) għall-Grieg fis-sena 277 Q.K. Dan ix-xogħol kien ġie magħmul minn 70 skular fl-Ixandra, l-Eġittu. B'hekk aħna nafu lit-Testment il-Qadim eżista fil-forma kompluta tiegħu mis-sena 277 Q.K.

Aħna m'għandniex xi manuskritti oriġinali li fihom il-kotba tal-Bibbja kienu ġew miktuba, imma nistgħu li jkollna kopji ta' l-oriġinali. Xi wħud mill-oriġinali jistgħu jinsabu fil-Palestina, fl-Eġittu jew fis-Sirja, imma fil-preżent, aħna m'għandniex dawn fil-pussess tagħna.

Aħna nistgħu nifhmu d-diffikultà biex tħares minn xi ħsarat il-manuskritti oriġinali meta niftakru li għall-mijiet ta' snin il-kitba kollha kienet magħmula fuq il-papiru, karta magħmula mill-weraq ta' xitla Eġizzjana msejħa 'papiros', xitla ta' l-ilma. Il-papiru kienet użata bħala materjal għall-kitba sa madwar is-sena 250 W. K. fejn f'dan iż-żmien tat-lok għall-parċmina, li kienet għamla ta' karta ħoxna li ma titqattax, magħmula mill-ġild ta' ngħaġ u mogħoż. Li kieku l-kotba tal-Bibbja ġew miktuba fuq il-parċmina forsi

llum għandna l-oriġinali, iżda la darba kienu mituba fuq il-papiru aħna m'għandiex fil-pussess tagħna l-oriġinali. Il-papiru kien materjal li jitqarqaċ wara li dan jixxarrab, u għal din ir-raġuni ftit li xejn mill-papiru wżat baqa' f'kun-dizzjoni tajba wara t-tħarbit taż-żminijiet.

Fit-tmiem tar-raba' seklu, Kostantinu, l-Imperatur ta' Ruma, ordna biex isiru ħamsin kopja tal-Bibbja—xi wħud minnhom, jaħsbu l-iskulari, li għadhom jeżistu. Aħna għandna aktar minn elfejn manuskitti tal-kotba tal-Bibbja imma minn dan in-numru hemm tlieta li jinsabu 'l fuq ħafna mill-oħrajn.

Bla dubju, l-aqwa u l-aħjar manuskritt tal-Bibbja li jeżisti huwa l-*Kodex Sinajtikus* li kien instab f'riġel il-Muntanja Sinaj fis-sena 1844. Dan il-manuskritt kien miktub f'ittri kbar Griegi fuq mitt ġilda taċ-ċerv. Fih hemm il-Bibbja kollha barra minn xi partijiet żgħar tat-Testment il-Qadim. It-Testment il-Ġdid huwa kom-plut. L-iskulari huma ċerti li dan il-manuskritt kien wieħed mill-ħamsin ordnati mill-imperatur Kostantinu fir-raba' seklu. Il-*Kodex Sinajtikus* kien ġie misjub minn skular Ġermaniż, Tischendrof, li kien Protestant, u dan il-manuskritt, li hu l-aktar wieħed komplut fost kollha, "*qatt ma kien f'idejn il-Kattoliċi Rumani*." Wieħed m'għandux jinsa li l-Kattoliċi Rumani jgħidu li "huma" tawna l-Bibbja kompluta qrib il-bidu "tal-ħames" seklu, imma l-*Kodex Sinajtikus* kien "ikkupp-jat" **fit-tielet** seklu. Mela l-Bibbja kienet teżisti ħafna qabel minn dak li l-Kattoliċi Rumani jgħidu li huma taw il-Bibbja lid-dinja!

It-tieni manuskritt li aħna nsemmu huwa "*Kodex Vatikanus*," li jġib dan l-isem għaliex dan qiegħed fil-Vatikan u ilu hemm mis-sena 1475. F'dan il-manu-skritt partijiet min Ġenesi, Salmi u Lhud huma neqsin. Biċċiet żgħar minn ħafna kotba huma nieqsa. Ħafna skulari jħossu li dan il-manuskritt kien wieħed mill-ħa-msin ordnati minn Kostantinu. Mistoqsija: "Kif jistgħu l-Kattoliċi Rumani jippretendu li huma ġabru l-kotba tal-Bibbja u poġġewhom taħt qoxra waħda fil-bidu tal-*ħames* seklu meta l-iskulari jgħidu li l-*Kodex Sinajti-kus* u l-*Kodex Vatikanus* kienu kkuppjati mill-oriġi-nali, mil-lingwa oriġinali fit-*tielet* seklu?

Il-*Kodex Alexandrinus* huwa ieħor mill-aħjar manu-skritti. Dan kien ġie miktub fl-Ixandra, l-Eġittu, aktarx fis-seklu ħamsa. Dan qiegħed fil-British Museum.

Xi wħud forsi jistgħu jħossuhom allarmanti li m'għandiex il-manuskritti oriġinali li fihom il-Bibbja kienet miktuba, iżda dan l-allarm jonqos meta aħna nikkunsidraw il-kura kbira li l-iskribi Lhud kienu jieħ-du biex jikkuppjaw u jippriservaw il-manuskritti. Wie-ħed Rabbi wissa lil skriba b'dan il-kliem: "Ħu ħsieb kif inti tagħmel ix-xogħol tas-sema—twaqqafx jew iż-żidx xi ittra li ma ssirx stradikatur tad-dinja." L-iskribi ma kinux jafdaw il-memorja tagħhom. Huma kienu jgħoddu l-kliem saħansitra l-ittri f'kull kopja, u mba-għad kienu jqabblu immedjatament il-kopja ma' l-oriġinali. Jekk xi ittra ħażina jew mhux korretta kienet tiġi misjuba, *il-paġna kollha* kienet tiġi meqruda. Hu-ma kienu jippronunzjaw b'leħen għoli kull kelma qab-el ma kienet tiġi miktuba; u kienu jimsħu l-pinen tagħ-

hom qabel ma kienu jiktbu "Alla," u jaħslu ġisimhom qabel ma kienu jiktbu "YHWH." Sfortunatament, il-lum mhux talli ma jsirx dan, imma talli l-isem ta' Alla, "YHWH" kien ġie mibdul għal "Jehovah" minn patri Spanjol li jġib l-isem ta' C. E. Raymundus Martini ta' l-ordni Dumnikana fis-seklu tlettax, fil-ktieb tiegħu *Pugeo Fidei* tas-sena 1270 u llum hawn denominazz-joni, jekk tista' ssejħilha hekk, li hija msejħa x-Xhieda ta' Jehovah, (isem li fl-Iskrittura oriġinali kollha ma ssibu mkien), li poġġiet dak l-isem mhux Skritturali f'kull vers fejn kien hemm l-isem oriġinali ta' Alla, "YHWH" u ħafna nies sinċiera, imma li huma għomja għall-verità qegħdin jaċċettawh mingħajr ebda diffiku-ltà ta' xejn! Fis-sena 230 W.K., Origen, wieħed mill-iskulari tad-dinja, skanta bl-eżattezza tal-manuskritti Lhud taż-żmien tiegħu.

Wara ħarsa fuq fuq dwar il-manuskritti tal-Bibbja, aħna issa sejrin nosservaw il-Verżjonijiet tal-Bibbja Mqaddsa. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li manu-skiritt huwa *kopja minn lingwa għall-istess lingwa*; waqt li verżjoni hija *traduzzjoni minn lingwa għal lin-gwa oħra differenti*.

Il-Bibbja ġiet tradotta, miktuba, maqluba fi kważi f'kull lingwa magħrufa. Iliad ta' Homer ġie maqlub f'20 lingwa; drammi ta' Shakespeare fi 33, u Pilgrim's Progress f'111. Il-Bibbja kompluta ġiet tradotta f'aktar minn 190 lingwa; it-Testment il-Ġdid fi 391 djalett u xi partijiet mill-Bibbja f'1018 u aktar.

Ħalli aħna dejjem inżommu quddiemna l-pretens-joni tal-Kattoliċi Rumani li kienu huma li tawna l-Bibbja fis-sena 390 W.K. fil-Konċilju ta' Hippo. Il-

pretensjoni tagħhom hija li l-Bibbja kienet teżisti qabel dik id-data, imma l-kotba diversi kienu mxerrda fost il-kongregazzjonijiet f'postijiet differenti. Il-falżità ta' din l-istqarrija hija ċara għal kull student ta' l-istorja. L-istorja tal-Bibbja, tal-verżjonijiet tal-Bibbja, iġġarraf dan it-tagħlim tal-Knisja Kattolika Rumana.

Il-*Verżjoni Sirjaka* kienet ġiet tradotta mil-lingwa oriġinali għal sitt djaletti tas-Sirja kmieni fit-tieni seklu. Xi wħud li qraw din il-verżjoni aktarx kienu jafu lil xi wħud mill-kittieba nfushom tat-Testment il-Ġdid. Il-Kattoliċi jippretendu li dawn il-kotba kienu nġabru fis-sena 390 W.K. li kien fis-sebħ 'tas-seklu ħamsa,' iżda aħna nafu li l-Bibbja kienet kompluta f'parti bikrija 'tat-tieni seklu.'

Il-*Verżjoni Antika Latina* kienet radotta mill-Grieg għal-Latin fl-għeluq tat-tieni seklu.

Il-*Verżjoni Eġizzjana* (Verżjoni Koptika) kienet tradotta mill-Grieg għal Eġizzjan madwar it-tmiem tat-tieni seklu.

Il-*Verżjoni Gotika* kienet tradotta fis-sena 375 W.K. minn Ulfilax għall-Gotiċi li kienu qasmu l-fruntieri tat-tramuntana għall-Imperu Ruman.

It-traduzzjoni antika bil-Latin ta' l-Iskrittura, *il-Vul-gat*, kienet reviżjoni tal-Latin Antik li fih it-Testment il-Ġdid kien ġie tradott fit-tieni seklu. Dan ix-xogħol kien sar minn Glormu fis-sena 385 W.K., u Glormu jgħid li huwa uża Bibbja Griega li kienet ta' Origen li għex għall-bidu tat-tielet seklu. Kull wieħed li jaf li l-Bibbja kienet teżisti f'dawn il-lingwi *qabel* is-sena 390 W.K. jiskanta meta jaqra l-pretensjoni

Kattolika Rum-ana li kienu huma li ġabru l-kotba u poġġwehom fil-Bibbja fis-sena 390 W.K. Il-pretensjoni mhijiex tas-sew!

Huwa ta' interess li tkun taf u li tinnota li l-isqfijiet fil-Konċilju ta' Hippo fis-sena 390 W.K., iddikjaraw li Glormu kien ispirat mill-Ispirtu s-Santu fit-traduzzjoni tiegħu tal-Bibbja għal-lingwa Latina, u li huwa ma set-ax jagħmel xi żball fit-traduzzjoni tiegħu! Iżda Glormu *irrifjuta* l-kotba miżjuda li l-Kattoliċi Rumani għand-hom issa fil-Bibbja tagħhom u huwa ddikjara li dawn kienu "Apokrifi" li tfisser "moħbija, mhux ċari, u min-għajr awtorità." (Dawn huma: Tobit, Ġuditta, 1 Mak-kabin, 2 Makkabin, Għerf, Bin sirak, u Baruk.) Wie-ħed jistaqsi, "Kif jista' jkun li Glormu kien ispirat u mbagħad jagħmel l-iżball li jirrifjuta xi kotba kano-niċi?"

Il-verità ta' dan hija, il-kotba miżjuda fil-Bibbja Kattolika huma foloz u ta' mingħajr ebda awtorità. Ħalli naraw xi oġġezzjonijiet għal dawn il-kotba miż-juda:

1. Dawn il-kotba m'għandhom l-ebda awtorità, la esterna u lanqas interna, li jsibu d-dħul tagħhom fil-liġi ta' l-Iskrittura Mqaddsa.

2. L-ebda wieħed minnhom ma jeżisti fil-Lhudi li fih il-kotba tat-Testment il-Qadim kienu miktuba.

3. Lanqas wieħed mill-awturi ta' dawn il-kotba fit-termini diretti tagħhom, ma offra xi talba bil-jedd, għal l-ispirazzjoni. Xi wħud igħidu li huma ma kinux ispi-rati. Bħala eżempju, aħna naqraw fit-Tieni Makkabin, 15:38,

> "*Jekk inhi miktuba tajjeb u mqassma bis-sengħa, dan li kont nixtieq; jekk* ***kajmana u nofs kedda, dan li stajt nagħmel***" (Enfasi tiegħi).

Immaġina Alla u l-Ispirtu s-Santu, u Sidna Ġesù Kristu jagħmlu xogħol "nofs kedda u kajman" u jgħidu li dak kien li huma kienu jistgħu jagħmlu! Alla ma jagħmilx xogħol *dgħajjef* u *nofs kedda*! Il-liġi ta' Alla hija:

> "*Liġi* ***perfetta*** *tal-ħelsien*" (Ġakbu 1: 25; enfasi tiegħi).

Il-Kelma ta' Alla hija:

> "*l-qawwa Tiegħu għas-salvazzjoni tagħna*" (Rumani 1:16).
>
> "*Il-Kelma ta' Alla hija ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu, u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb*" (Lhud 4:12).

Il-Kelma ta' Alla tagħmel:

> "*il-bniedem ta' Alla jkun* ***perfett****, imħejji għal* ***kull*** *ħidma tajba*" (2 Timotju 3:17; enfasi tiegħi).

Xogħol *nofs kedda* dan ma jistax li jagħmlu!

4. Dawn il-kotba **qatt** ma kienu magħrufa mil-Lhud bħala li huma ta' oriġini divina u wieħed għandu jif-

takar li l-appostlu Pawlu qal li lilhom kienu fdati l-orakli ta' Alla (Rumani 3:2).

5. Dawn il-kotba ma kinux imħollija jidħlu fil-liġi kanonika ta' l-Iskrittura mill-knisja matul l-ewwel erba' sekli.

6. Dawn il-kotba apokrifi ma kinux imsemmija minn Kristu jew mill-appostli, u madankollu fit-Test-ment il-Ġdid hemm 263 kwotazzjoni diretta mit-Test-ment il-Qadim.

7. Dawn il-kotba jżommu ħafna affarijiet li huma kontraditorji għall-kotba oħra tal-Bibbja fil-fatti, dutt-rina, u prattika.

Meta nistudjaw l-istorja tal-Bibbja tagħna, aħna nsi-bu li wara t-traduzzjoni ta' Glormu fis-sena 385 W.K. ma tantx sar dwar dik li hija traduzzjoni tal-Bibbja, għal elf sena. Matul iż-Żminijiet tad-Dlam Bede u Alf-red il-Kbir fl-Ingilterra, ittraduċew jew kienu ittradu-ċew xi partijiet tal-Bibbja fl-ilsien Ingliż.

Fis-sena 1382 Wycliffe spiċċa t-traduzzjoni tiegħu tat-Testment il-Ġdid għall-Ingliż. F'dak iż-żmien kien jieħu għaxar xhur biex tikteb kopja tal-Bibbja bl-idejn. Il-Knisja Kattolika Rumana skumnikat lil Wycliffe u erbgħin sena wara mewtu l-Kattoliċi Rumani ħaffru għall-għadam tiegħu, ħarquh, u ferrxu l-irmied tiegħu fuq ix-Xmara Swift.

Fis-sena 2525, Tyndale spiċċa t-traduzzjoni tat-Testment il-Ġdid għall-Ingliż u stampa 15,000 kopja li kienu msiefra mill-Kontinent għall-Ingilterra. Ħafna minnhom kienu ġew maħruqa fis-salib ta' San Pawl. Meta tyndale beda x-xogħol tiegħu huwa qal,

> "Jiena nisfida lil papa, u jekk Alla jħallini ħaj jiena xi darba nagħmel lit-tifel li jmexxi l-moħriet fl-Ingilterra li kun jaf aktar skrittura mill-papa nnifsu!"

Tyndale fl-aħħar kien imħajjar imur fl-Ingilterra fis-sena 1535 u fis-sittax ta' Ottubru, ta' dik is-sena, hu ġie maħruq. Kif kien qiegħed imut qal, "Mulej, iftaħ għajnejn ir-re ta' l-Ingilterra."

Fis-sena 1535, is-sena tal-mewt ta' Tyndale, Coverdale lesta t-traduzzjoni tal-Bibbja kollha għal Ingliż.

Mas-sena 1550 id-domanda għall-Bibbja fil-lingwa tal-poplu kienet tant kbira li l-Kattoliċi ma segħtux iżommu l-kurrenti, u meta huma raw li kien impossibbli li jżomu l-Bibbja fil-lingwa mejta Latina, iddeċidew li jagħtu lid-dinja traduzzjoni. Fis-sena 1582 it-Testment il-Qadim kien tradott u fis-sena 1610 it-Test-ment il-Ġdid tlesta. Din it-traduzzjoni hija msejħa ir-*Rheims-Douay-Version*. F'din il-verżjoni, iżda, xi sil-tiet minnha kienu ġew tradotti ħalli jaqblu mat-tagħlim Kattoliku Ruman, eżempju, Ġenesi 3:15 fejn jintqal li "Hi (she) tisħaqlek rasek" u mhux "Hu" (He) u 1 Korintin 15:51 fejn jintqal "mhux ilkoll nitbiddlu" ("not all be changed") minflok "iżda lkoll nitbiddlu" (all be changed), ir-raġuni għal dan hija minħabba t-tagħlim żbaljat tagħhom li Marija telgħet fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem għalhekk hija ma nbidlitx! Imma llum, fit-traduzzjonijiet kollha tagħhom huma rranġaw dak l-iżball fiż-żewġ postijiet imma sfortunatament għad-hom igħallmu l-istess tagħlim żbaljat!

Xi wħud jistgħu jistaqsu għaliex il-Kattoliċi Rumani kienu kontra li l-Bibbja tiġi maqluba għal-lingwa li kulħadd jaf jaqraha? Ħalli nikkwota silta minn indirizz magħmul mill-kardinali fil-Knisja ta' Ruma lill-Papa Piju III (1503), li jinsab ippriservat fil-Librerija Nazz-jonali ta' Pariġi, folja Num. 1068, Vol. 2, paġni 650 u 651:

> Of all the advice that we can offer your holiness we must open your eyes well and use all possible force in the matter, namely, to permit the reading of the gospel as little as possible in all the countries under your jurisdiction. Let the very little part of the gospel suffice which is usually read in mass, and let no one be permitted to read more. So long as people will be content with the small amount, your interest will prosper: but as soon as the people want to read more, your interest will fail. The Bible is the book, which more that any other, has raised against us the tumults and tempests by which we have almost perished. In fact, if one compares the teaching of the Bible with what takes place in our churches, he will soon find discord, and will realize that our teachings are often different from the Bible, and oftener still, contrary to it."

Bil-Malti:

> Mill-parir kollu li aħna nistgħu noffru lill-qdusija tiegħek aħna għandna nifthulek għajnejk sewwa u nużaw il-forza kollha possibbli fil-kustjoni, jiġifieri, li tħalli l-qari ta' l-evanġelju ftit kemm jista' jkun possibbli fil-pajjiżi kollha taħt il-ġurisdizzjoni tiegħek. Ħalli l-parti ċkejkna ħafna ta' l-evanġelju tkun biżżejjed li normalment tinqara fil-quddiesa, u tħalli lil ebda bniedem li jkun imħolli li jaqra aktar. Sakemm in-nies ikunu kuntenti bl-ammont żgħir, l-interess tiegħek imur il-quddiem: imma hekk kif in-nies ikunu jridu li jaqraw aktar, l-interess tiegħek jaqa'. Il-Bibbja hija l-ktieb, li aktar minn kull ieħor, qajjem kontrina l-konfużjonijiet talmoħħ u t-tempesti li bihom aħna kważi spiċċajna. Fil-fatt, jekk wieħed iqabbel it-tagħlim tal-Bibbja ma' dak li jsir fil-knejjes tagħna, hu dlonk isib nuqqas ta' qbil, u hu jirrealizza lit-tagħlim tagħna spiss huwa differenti mill-Bibbja, u ta' spiss aktar, kuntrarju għaliha."

Jien kont mistieden fuq programm tat-televiżjoni minn stazzjon lokali u meta qrajt din is-silta, il-preżentatur staqsieni meta din kienet miktuba fejn l-iskop tiegħu kien biex juri li llum il-Knisja Kattolika Rumana m'għadiex dik li kienet f'dak iż-żmien. Jiena ma' dan ma naqbilx. Il-Bibbja ta' dak iż-żmien, meta l-kardinali ppruvaw jifthu għajnejn il-Papa Piju III, fis-sena

1503, u l-Bibbja li aħna għandna llum għandha *l-istess Bibbja*. Il-Knisja Kattolika Rumana u t-tagħlim tagħha ta' dak iż-żmien u l-Knisja Kattolika Rumana u t-tagħlim tagħha ta' dan iż-żmien tagħna għadu l-istess, ma nbidel xejn. L-unika ħaġa li forsi *tidher* li nbidlet hija li llum lin-nies jgħidulhom biex jaqraw il-Bibbja imma meta huma jaqrawha u jkollhom xi diffikultà il-qassis Kattoliku huwa l-interpretu tal-Bibbja, l-istess kif isir f'xi reliġjonijiet oħra, bħal, per eżempju, mit-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah, fejn igħidu li huma l-interpretu finali tal-Bibbja. Imma kemm hu differenti t-tagħlim tal-Bibbja Mqaddsa minn dak li jgħidu l-mexxejja reliġjużi. Isma' xi jgħid l-appostlu Pawlu,

> "*Lil nies għaqlin qiegħed inkellem;* ***għarblu intom*** *kull ma ngħid*" (1 Korintin 10:15; enfasi tiegħi).

Ara l-parir li tagħtina l-Bibbja Mqaddsa dwar x'għandna nagħmlu aħna meta nisimgħu xi tagħlim mingħand xi ħdd:

> "*Dawn il-Lhud kienu nies ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha,* ***u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu***" (Atti 17:11; enfasi tiegħi).

Skond l-appostlu Pawlu, *aħna nfusna* għandna "ngħarblu" dak li l-mexxejja reliġjużi jgħidulna u mhux noqgħodu għal l-interpretazzjonijiet tagħhom. (Ara 2 Pietru 1:20, 21! L-Iskrittura *tinterpreta lilha nfisha* u

mhux xi mexxejja ta' xi reliġjon jinterpretawha huma għalina! U kif aħna nistgħu nagħmlu dan? Billi "nqal-lbu l-Iskrittura" u naraw jekk dak li jkunu qalulna jkunx jaqbel magħha jew le! Jekk jaqbel naċċettawh imma jekk ma jkunx jaqbel għandna nwarrbuh mill-ewwel (Galatin 1:6-9; 2 Ġwanni 9-10).

Mela, ħalli mmorru lura għall-mistoqsija tagħna, "għaliex il-Kattoliċi Rumani kienu kontra li l-Bibbja tiġi maqluba għal-lingwa li kulħadd jaf jaqraha?" Din l-oppożizzjoni ħarġet mill-fatt li l-Kattoliċi Rumani riedu li l-Bibbja tibqa' fil-lingwa Latina li l-qassisin biss ikunu jistgħu jarawqha. B'hekk il-mexxejja jkunu jistgħu jagħtu lill-poplu dak biss li huma riedu li l-poplu jkollu u li jkun jaf.

Fis-sena 1611 il-*Verżjoni tar-Re Ġakbu* kienet mo-għtija lid-dinja. Din kienet imsejħa l- *Verżjoni tar-Re Ġakbu* għaliex Ġakbu, ir-Re ta' l-Ingilterra, awtorizza 48 skular mill-aqwa tad-dinja ħalli jagħmlu traduzz-joni tal-Bibbja għall-Ingliż.

Imbagħad fis-sena 1885, 101 skular Amerikani u Ingliżi taw lid-dinja l-*Verżjoni Riveduta*. Din it-tra-duzzjoni hija mingħajr ebda dubju waħda mill-aħjar għaliex tagħti l-Bibbja fil-lingwa Ingliża tal-lum, u qabel it-traduzzjoni tagħha, it-tliet manuskritti l-aktar qodma u l-aħjar manuskritti tal-Bibbja fil-pussess tal-bniedem kienu misjuba. L-iskulari kellhom aċċess għal dawn waqt il-preparazzjoni tal-*Verżjoni Rivedu-ta*.

Tajjeb li nsemmi wkoll, qabel ma nagħlaq, xi ħaġa dwar x'intqal mill-Kattoliċi Rumani dwar it-traduzzjo-ni *Revised Standard Version*, Edizzjoni Kattolika

(NELSON). Qrib it-tmiem ta' l-introduzzjoni jintqal hekk, nikkwota:

> "A small committee of members of the Catholic Biblical Association was formed and *permission obtained* to examine this translation and suggest *any changes* that might be required to make it acceptable to Catholics. The Standard Bible Committee of the U.S.A. was then approached and they gave a warm welcome to the proposal….In the present edition the aim has been to make the minimun number of *alterations* and *to change* only what seemned absolutely necessary **in the light of Catholic tradition**…." (enfasi tiegħi).

Bil-Malti:

> "Kumitat żgħir ta' membri ta' l-Assoċjazzjoni Biblika Kattolika kien iffurmat u *permess kien miksub* biex jeżam-ina din it-traduzzjoni u jissuġġerixxi *xi tibdil* li jista' jkun meħtieġ ħalli jagħm-ilha aċċettabbli għall-Kattoliċi. Il-Ku-mitat Standard Bible ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika kien imbagħad avviċinat u huma taw merħba mill-qalb għall-proposta….Fl-edizzjoni preżenti l-għan kien li jsir numru minimu ta' *alteraz-zjonijiet* u li *jbiddlu* biss dak li jidher assolutament

> neċessarju *fid-dawl tat-tradizzjoni Kattolika*…" (enfasi tiegħi.)

Il-mistoqsija hawn hija din: "Jekk kienu l-Kattoliċi li tawna l-Bibbja, xi bżonn kien hemm li huma *jitolbu permess* mingħand oħrajn (li ma kinux Kattoliċi Rumani) ħalli jippubblikaw verżjoni għalihom?" U min tahom l-awtorità li jagħmlu numru minimu ta' *alterazzjonijiet* ħalli jkun skond *it-tradizzjoni Kattolika*? (Ara x'tgħid il-Bibbja dwar dan: Mark 7:8, 9; Galatin 1:6-9; Apokalissi 22:18, 19).

Dan huwa rakkont fuq fuq dwar kif aħna għandna l-Bibbja tagħna, u huwa evidenti li l-Bibbja ma kinetx mogħtija lilna mill-Kattoliċi Rumani. Huma jippretendu li kienu huma li ġabru l-kotba tal-Bibbja fis-sena 390 W.K. fil-Konċilju ta' Hippo u poġġewhom f'volum wieħed li aħna nsejħulu l-Bibbja Mqaddsa, imma aħna nafu wkoll li l-manuskritti u t-traduzzjonijiet tal-*Bibbja eżistew ħafna snin qabel is-sena 390 W.K.* Il-manuskritt imsejjaħ *Kodex Sinajtikus* huwa l-aħjar wieħed li jeżisti, u dan *QATT ma kien f'idejn il-Knisja Kattolika Rumana*!

L-ittri tat-Testment il-Ġdid kienu miktuba għall-kongregazzjonijiet imsejħa "knejjes ta' Kristu," u mhux lill-knisja msejħa "Knisja Kattolika Rumana"! (Rumani 16:16).

Il-Kattoliċi ma tawniex il-Bibbja—lanqas ktieb wie-ħed biss, u l-kotba li għandhom il-Bibbja Kattolika li mhumiex f'Bibbja komuni m'għandhom ebda awtorità Divina u għandna nwarrbuhom!

Jalla aħna nħajruk biex issir Kristjan, xejn aktar, xejn inqas. Għamel dan illum!

Jiena nirrikmanda li taqra l-ktieb “How we Got the Bible” second edition, minn Neil R. Lightfoot, ISBN 9 780801 056444. BAKER.

Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana:

**info@churchofchristmalta.com**